



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Settembru 2023
(OR. en)

12746/23

LIMITE

SOC 586
EMPL 421
EDUC 342
JEUN 218
ECOFIN 854
MI 719
FISC 180

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0179(NLE)

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Proposta għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar l-iżvilupp ta' kundizzjonijiet ta' qafas tal-ekonomija soċjali

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż it-test ta' kompromess tal-Presidenza bil-ħsieb tal-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma tas-26 ta' Settembru.

Il-Presidenza għandha l-għan li tilħaq qbil politiku fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma tas-26 ta' Settembru.

Id-delegazzjonijiet huma mistiedna jibagħtu l-kummenti bil-miktub tagħhom sal-Ġimgħa, it-22 ta' Settembru f'12:00.

2023/0179 (NLE)

Proposta għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iżvilupp ta' kundizzjonijiet ta' qafas tal-ekonomija soċjali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292, flimkien mal-Artikolu 149 u l-Artikolu 153, punti (h) u (j) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni¹,

Billi:

- (1) Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali² pproklammat fis-17 ta' Novembru 2017 jistabbilixxi għadd ta' prinċipji li jappoġġaw is-swieq tax-xogħol u sistemi ta' protezzjoni soċjali ġusti u li jaħdmu tajjeb. Dawn jinkludu l-Prinċipju 1 dwar id-dritt għal edukazzjoni ta' kwalità u dik inklużiva, taħriġ u apprendiment tul il-ħajja, il-Prinċipju 2 dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-Prinċipju 3 dwar l-opportunitajiet indaqs, il-Prinċipju 4 dwar l-appoġġ attiv għall-impjiegi, il-Prinċipju 5 dwar l-impjiegi sikuri u adattabbli, u l-Prinċipji 11 u 16-20 dwar il-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni tat-tfal, tal-**persuni** b'diżabbiltà u tal-persuni mingħajr dar, u l-aċċess għal servizzi essenzjali, għall-kura tas-saħħa u għall-kura fit-tul.

¹. L-Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Il-ħolqien ta' ambjent favorevoli għall-ekonomija soċjali – il-perspettiva lokali u reġjonali" (CDR 5492/2022).

². Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali", COM(2021)102 final.

- (2) F'Ġunju 2021, il-Kunsill Ewropew, f'konformità mad-Dikjarazzjoni ta' Porto³, laqa' l-miri ewlenin tal-UE għall-2030, **tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali**⁴. Dawn il-miri għandhom l-għan li jiksbu rata ta' impjieg ta' mill-inqas 78 %, b'mill-inqas 60 % tal-adulti kollha jipparteċipaw fit-taħriġ kull sena, u mill-inqas 15-il miljun persuna inqas friskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali (li minnhom tal-inqas ħames miljuni huma tfal). L-Istati Membri **mbaġhad** stabbilew miri nazzjonali fit-tliet oqsma kollha biex jgħinu biex jintlaħqu dawn l-għanijiet kondiviżi.
- (3) Minkejja l-progress li sar matul l-aħħar għaxar snin biex jitnaqqsu l-faqar u l-esklużjoni soċjali, fl-2021 kien għad hemm 95.4 miljun persuna friskju. Ir-riskju ta' faqar żdied għal persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg, u l-gravità u d-durata tal-faqar marru għall-aġar f'ħafna Stati Membri. L-impjiegi ta' kwalità u sostenibbli huma kruċjali biex tittaffa din il-problema. Bis-saħħa tal-mod kif taħdem l-ekonomija soċjali, l-azzjonijiet tagħha u l-għanijiet li ssegwi, l-ekonomija soċjali għandha rwol ewlieni fit-titjib tal-inklużjoni soċjali u l-aċċess ugwali għas-suq tax-xogħol. Għalhekk tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.
- (4) L-entitajiet tal-ekonomija soċjali jistgħu joħolqu u jżommu impjiegi ta' kwalità; huma jikkontribwixxu għall-inklużjoni soċjali u għall-inklużjoni fis-suq tax-xogħol ta' gruppi żvantaġġati, u għal opportunitajiet indaqs għal kulħadd. Dan huwa konformi mal-qafas ta' rkupru inklużiv, kif enfasizzat fil-Linji Gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri stabbiliti bid-Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2296⁵. Dawn jistgħu jstimulaw żvilupp ekonomiku u industrijali sostenibbli u jippromwovu l-parteċipazzjoni attiva taċ-ċittadini fis-soċjetà. L-entitajiet tal-ekonomija soċjali jagħtu wkoll kontribut sinifikanti għas-sistemi soċjali tal-Ewropa billi jikkomplementaw is-servizzi pubbliċi, jagħtu haġja għida liż-żoni rurali u depopolati tal-Ewropa u jaqdu rwol importanti fil-politika internazzjonali tal-iżvilupp.

³. <https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2021/05/08/the-porto-declaration/>.

⁴. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, COM/2021/102 final.

⁵. Id-Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2296 tal-21 ta' Novembru 2022 dwar linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri (ĠU L 304, 24.11.2022, p. 67–77).

- (5) Fid-9 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni Ewropea adottat pjan ta' azzjoni ġdid għall-ekonomija soċjali⁶. Il-pjan ta' azzjoni jikkontribwixxi għall-prijorità tal-Kummissjoni Ewropea li tibni "ekonomija għas-servizz tan-nies" u li hija allinjata mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2015 dwar il-promozzjoni tal-ekonomija soċjali bħala mutur ewlieni tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali fl-Ewropa⁷. Fil-pjan ta' azzjoni, il-Kummissjoni ressqet miżuri konkreti li għandhom jiġu implimentati kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak nazzjonali. Il-miżuri għandhom l-għan li jtejbu l-innovazzjoni soċjali, jappoġġaw l-iżvilupp tal-ekonomija soċjali u jisfruttaw il-potenzjal trasformattiv soċjali u ekonomiku tagħha. Il-miżuri għandhom l-għan li jgħidli kundizzjonijiet xierqa biex l-ekonomija soċjali tirnexxi, filwaqt li jgħidli opportunitajiet għall-entitajiet tal-ekonomija soċjali, **fosthom l-intrapriżi u forom oħra ta' organizzazzjonijiet, biex jibdew u jespandu**, u jiżguraw li l-ekonomija soċjali u l-potenzjal tagħha jkunu aktar viżibbli. Il-Parlament Ewropew laqa' l-pjan ta' azzjoni fir-riżoluzzjoni tiegħu maħruġa fis-6 ta' Lulju 2022⁸.
- (5a) **Fit-18 ta' April 2023, in-Nazzjonijiet Uniti adottaw riżoluzzjoni dwar il-promozzjoni tal-ekonomija soċjali u solidali għall-iżvilupp sostenibbli, li tipprovdi definizzjoni globali tal-ekonomija soċjali u solidali u pjan direzzjonali għall-appoġġ tal-iżvilupp tal-ekonomija soċjali u solidali fil-livell globali. Organizzazzjonijiet internazzjonali oħra wkoll adottaw strateġiji għall-iżvilupp tal-ekonomija soċjali, bħar-Riżoluzzjoni dwar ix-xogħol deċenti u l-ekonomija soċjali u solidali adottata fil-110 Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol fl-10 ta' Ġunju 2022; u r-Rakkomandazzjoni tal-OECD dwar l-ekonomija soċjali u solidali u l-innovazzjoni soċjali, adottata wkoll fl-10 ta' Ġunju 2022.**

⁶ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni "*Bini ta' ekonomija għas-servizz tan-nies: pjan ta' azzjoni għall-ekonomija soċjali*", COM(2021) 778 final.

⁷ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-ekonomija soċjali bħala mutur ewlieni tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali (15071/15).

⁸ Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Lulju 2022 dwar il-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ekonomija soċjali (2021/2179(INI)).

- (6) L-ekonomija soċjali, imsemmija wkoll f'xi Stati Membri bħala l-ekonomija solidali u/jew l-ekonomija soċjali u solidali, tinkludi firxa wiesgħa ta' entitajiet b'mudelli kummerċjali u organizzattivi differenti li jagħtu prijorit  lill-**iskop tas-soċjet , inkluż l-għanijiet soċjali u ambjentali**, fuq il-profitt. L-entitajiet tal-**ekonomija soċjali u d-definizzjoni tagħhom jistgħu jvarjaw ftit bejn l-Istati Membri**, u jistgħu jieħdu diversi forom u **statuses** legali, bħal kooperattivi, soċjetajiet [...] mutwi, assoċjazzjonijiet, fondazzjonijiet u [...] intrapriżi soċjali [...]. Huma jikkondividu l-prinċipji komuni ta' investiment mill-ġdid tal-profitti **kollha** tagħhom **jew** tal-biċċa l-kbira tagħhom biex isegwu l-għanijiet soċjali u/jew ambjentali tagħhom u biex jipprattikaw governanza demokratika u/jew parteċipattiva. Il-forma speċifika ta' governanza u ġestjoni adottata mill-entitajiet tal-ekonomija soċjali tvarja skont in-natura, l-iskala u l-kuntest tal-operat tagħhom. Għalhekk, il-prinċipju ta' governanza demokratika jew parteċipattiva jieħu forom differenti, li jvarjaw mill-involvement dirett tal-membri fil-proċessi ta' governanza sal-involvement rappreżentattiv tal-membri jew tas-sħab f'funzjonijiet separati ta' governanza u ġestjoni. Pereżempju, fil-kooperattivi, fis-soċjetajiet [...] mutwi, u fl-assoċjazzjonijiet, dan il-prinċipju spiss jieħu l-forma ta' "persuna waħda, vot wieħed". Il-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet fl-entitajiet tal-ekonomija soċjali huma kkaratterizzati minn sett ta' sistemi u relazzjonijiet ta' kontroll bejn l-aġenti differenti li jipparteċipaw fl-entit , inklużi l-manigġers, is-sħab, l-impjegati u l-benefiċjarji. Billi jlaqqgħu flimkien dawn l-aġenti differenti, l-entitajiet tal-ekonomija soċjali jippromwovu sforz b'diversi partijiet ikkonċernati ċċentrati fuq kultura ta' parteċipazzjoni, responsabbilt , u trasparenza u mmirati biex jintlaħaq għan komuni.
- (7) L-entitajiet tal-ekonomija soċjali spiss jagħmlu hilitom biex joħlqu opportunitajiet ekonomiċi li jippromwovu l-inklużjoni soċjali u l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' gruppi żvantaġġati, inkluż il-**persuni** b'dizabbilt  u l-**persuni** bi problemi ta' saħħa mentali. L-intrapriżi soċjali għall-integrazzjoni fix-xogħol huma tip ta' intrapriża soċjali li tiffoka fuq li tgħin lil dawn il-gruppi ta' persuni jintegraw fis-soċjet  u fix-xogħol billi tipprovdi impjieg f'diversi livelli ta' hilit b'kundizzjonijiet tax-xogħol inklużivi u flessibbli. Pereżempju, l-għoti ta' appoġġ lingwistiku lill-ħaddiema migranti u kompiti u ambjenti tax-xogħol adattati għall-**persuni** b'dizabbilt  jista' joffrilhom rotta ta' ħruġ mill-faqar u l-esklużjoni soċjali. Dawn l-opportunitajiet ta' impjieg jistgħu jservu bħala pass intermedju lejn setturi oħra tas-suq tax-xogħol, u jgħinu biex jingħelbu l-ostakli għall-impjieg għall-persuni qiegħda fit-tul u għal persuni oħra li qegħdin jesperjenzaw diffikultajiet fl-aċċess għas-suq tax-xogħol.

(8) **Intrapriżi** ġodda **fl-ekonomija** soċjali jistgħu jkunu mezz b'saħħtu għall-ħolqien tal-impjiegi u għal bidla soċjali pożittiva. L-ekonomija soċjali tista' tipprovdi opportunitajiet għal xi gruppi sottorappreżentati, bħan-nisa u ż-żgħażaġh biex jidħlu fis-suq tax-xogħol jew jistabbilixxu negozji soċjali. Skont il-Global Entrepreneurship Monitor, huwa stmat li 55 % tal-intraprendituri soċjali fid-dinja huma rġiel u 45 % huma nisa, filwaqt li b'mod ġenerali n-nisa li jaħdmu għal rashom jammontaw biss għal nofs l-ammont ta' rġiel. Skont Ewrobarometru reċenti dwar l-attitudnijiet taż-żgħażaġh lejn l-intraprenditorija soċjali, iż-żgħażaġh japprezzaw l-importanza tal-għanijiet soċjali u ambjentali u tat-tmexxija parteċipattiva. L-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw modi kif jimminimizzaw id-dizincitivi għal intraprendituri potenzjali, bħall-iżgurar li jżommu aċċess għal protezzjoni xierqa tas-sikurezza soċjali. Xi Stati Membri naqqsu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali bħala inċentiv għall-entitajiet tal-ekonomija soċjali biex jimpjegaw persunal. Li jiġi żgurat qafas abilitanti għat-trasferimenti tan-negozju lill-impjegati biex jiffurmaw kooperattivi tal-ħaddiema **jew mudelli tal-ekonomiji soċjali rilevanti oħra li huma proprjetà tal-ħaddiema** jista' jkun ukoll mod kif tiġi żgurata l-kontinwazzjoni tan-negozji żgħar u tal-familja u biex jiġi evitat it-telf ta' impjiegi, pereżempju f'każ ta' ristrutturar. **L-Istati Membri jistgħu jimplementaw ukoll miżuri ta' faċilitazzjoni għan-negozji tradizzjonali biex jagħmlu tranżizzjoni lejn entitajiet tal-ekonomija soċjali.**

(9) L-entitajiet tal-ekonomija soċjali jippromwovu wkoll l-inklużjoni taż-żgħażaġh, b'mod partikolari ż-żgħażaġh li ma humiex f'impjieg, f'edukazzjoni jew f'taħriġ. Dawn jipprovdu programmi ta' taħriġ u żvilupp tal-ħiliet u apprendistati msemmija fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2018 dwar Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi⁹, u opportunitajiet ta' impjieg. Għalhekk dawn jikkontribwixxu għall-għanijiet stabbiliti mill-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsemmija fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Ottubru 2020 dwar Pont għall-Impjiegi – It-tishiġ tal-Garanzija għaż-Żgħażaġh¹⁰ u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali għall-apprendiment tul il-ħajja u għall-impjegabbiltà¹¹. Il-finanzjament tal-Unjoni, bħall-programm tal-Fond Soċjali Ewropew Plus stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1057¹², jista' jappoġġa lill-entitajiet tal-ekonomija soċjali f'dan ir-rwol. Għal dan il-għan, fl-Istati Membri seħħew inizjattivi kollaborattivi ta' suċċess bejn is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi u l-entitajiet tal-ekonomija soċjali¹³. Skont dawn l-inizjattivi, l-entitajiet tal-ekonomija soċjali għandhom rwol importanti fl-identifikazzjoni ta' persuni fil-bżonn ta'

⁹. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2018 dwar Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi (ĠU C 153, 2.5.2018, p. 1–6).

¹⁰. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Ottubru 2020 dwar "Pont għall-Impjiegi - It-tishiġ tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ" (ĠU C 372, 4.11.2020, p. 1–9).

¹¹. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali għall-apprendiment tul il-ħajja u għall-impjegabbiltà (ĠU C 243, 27.6.2022, p. 10–25).

¹². Ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21–59).

¹³. Eżempju partikolari huwa l-appoġġ tal-Belġju pprovdut lil "*collectief maatwerk*", li jinkludi appoġġ finanzjarju lill-intrapriżi soċjali għall-integrazzjoni fix-xogħol.

assistenza u fl-iżvilupp ta' pjanijiet imfassla apposta biex jgħinuhom jiksbu integrazzjoni soċjali u okkupazzjonali, inkluż opportunitajiet ta' taħriġ u xogħol.

- (10) L-entitajiet tal-ekonomija soċjali jistgħu jipromwovu kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti billi jinvolvu lill-impjegati fil-governanza u fit-teħid tad-deċizzjonijiet tagħhom. Il-promozzjoni tad-djalogu soċjali u tan-negozjar kollettiv fl-ekonomija soċjali tista' ttejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-impjegati. L-Istati Membri jistgħu jrawmu u jibnu fuq dan l-aspett tal-ekonomija soċjali u jagħmlu użu mill-għarfien Prattiku tagħha billi jinvolvu lill-entitajiet tal-ekonomija soċjali fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol¹⁴. **L-Istati Membri jistgħu jesploraw ukoll possibbiltajiet biex jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tal-impjegaturi tal-ekonomija soċjali fid-djalogu soċjali.**
- (11) L-ekonomija soċjali tikkontribwixxi għall-Unjoni tal-Ugwaljanza billi tippromwovi l-inklużjoni soċjali ta' gruppi żvantaġġati u sottorappreżentati, **pereżempju** permezz tal-forniment ta' servizzi soċjali u tal-kura (inkluż l-indukrar tat-tfal, il-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul), l-akkomodazzjoni soċjali u l-appoġġ għat-tfal u ż-żgħażaġh bi bżonnijiet speċjali. Dawn jgħinu biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi, bħad-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi, kemm billi jimpjegaw direttament proporzjon kbir ta' nisa kif ukoll billi jipprovdu servizzi ta' kura li jippermettu lill-indokraturi, li l-maġġoranza tagħhom huma nisa, jissieħbu fis-suq tax-xogħol. Bħala sieħba importanti għas-settur pubbliku, l-ekonomija soċjali tista' tagħti kontribut siewi għat-tfassil u l-forniment ta' servizzi ta' kura residenzjali, tad-dar u bbażati fuq il-komunità. Permezz ta' inizjattivi ta' sħubija, l-awtoritajiet pubbliċi u l-entitajiet tal-ekonomija soċjali jistgħu jipprovdu servizzi ta' kura ta' kwalità għolja, aċċessibbli u affordabbli.

¹⁴. Eżempju partikolari huwa l-inizjattiva Franċiża, *Territoires Zéro Chômeurs de Longue Durée*, li għandha l-għan li tiġġieled il-qgħad fit-tul billi tistabbilixxi organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ f'żoni b'rati għoljin ta' qgħad fit-tul biex timpjega residenti lokali fuq kuntratti permanenti biex iwettqu attivitajiet utli għall-komunità, bħar-riċiklaġġ, l-indukrar tat-tfal u l-ġardinaġġ komunitarju. Inizjattivi simili ġew introdotti fi Groningen fin-Netherlands u f'Marienthal fl-Awstrija.

- (12) Is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għandhom rwol kruċjali biex in-nies jiġu mgħammra bil-ħiliet meħtieġa għall-post tax-xogħol, għall-iżvilupp personali u għaċ-ċittadinanza. Dawn jgħinu wkoll biex tiġi żgurata forza tax-xogħol b'ħiliet li tista' tikkontribwixxi għal tranżizzjoni ekoloġika u diġitali doppja ġusta. L-entitajiet tal-ekonomija soċjali jipprovdu opportunitajiet ta' xogħol, taħriġ fuq il-post tax-xogħol, u programmi ta' apprendiment ibbażati fuq ix-xogħol imfassla għall-ħtiġijiet tal-individwi u tal-ekonomija lokali. Dawn għandhom il-potenzjal li jgħinu fl-introduzzjoni ta' kontijiet individwali ta' apprendiment **bħala mezz possibbli biex jintlaħqu l-oġettivi li jinsabu fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar kontijiet individwali tal-apprendiment**¹⁵. **L-entitajiet tal-ekonomija soċjali jistgħu jikkontribwixxu wkoll biex tiċċekken id-differenza diġitali attwali bejn il-ġeneri billi jipprovdu appoġġ immirat li jsaħħaħ il-ħiliet diġitali tan-nisa**. Għalhekk, dawn jistgħu jikkontribwixxu għall-kisba ta' forza tax-xogħol b'ħiliet u adattabbli li kapaċi tirrispondu għall-bidliet fis-suq tax-xogħol, li potenzjalment jiffaċilitaw it-tranżizzjoni minn impjieg għall-ieħor u jtaffu n-nuqqas ta' ħaddiema, u b'hekk jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku ġenerali. L-Istati Membri jistgħu jisfruttaw dan il-potenzjal meta jibnu informazzjoni dwar il-ħiliet, jiffaċilitaw it-taħriġ, u jfasslu kurrikuli tal-edukazzjoni.
- (13) L-isfidi ppreżentati mit-tranżizzjoni doppja u mill-bidla demografika jeħtieġ li jiġu indirizzati fil-livelli reġjonali u lokali biex tinkiseb koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. L-entitajiet tal-ekonomija soċjali ġeneralment joperaw b'mod minn isfel għal fuq, qrib il-komunitajiet, iċ-ċittadini, u l-problemi li jiffaċċjaw, li spiss jaġixxu bħala innovaturi soċjali u jsibu soluzzjonijiet li jistgħu jiżdedu **jew jiġu replikati u li jikkontribwixxu għal bidla [...]** sistemika. **L-ekonomija soċjali tista' tikkontribwixxi wkoll għall-awtonomija strateġika tal-Ewropa billi toħloq negozju f'setturi strateġiċi li jaqdu l-interessi u l-ħtiġijiet tal-komunitajiet lokali**. Pereżempju, l-ekonomija soċjali tista' toffri opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet lil ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet minn setturi li għaddejjin minn bidliet kbar u jipprovdu oġġetti bażiċi affordabbli lil gruppi bi dħul baxx. F'żoni remoti u rurali b'inqas offerti ta' impjieg u edukazzjoni, l-entitajiet tal-ekonomija soċjali jistgħu jipprovdu opportunitajiet tant meħtieġa, u b'hekk dawn ir-reġjuni jsiru aktar attraenti. Għalhekk, l-iżvilupp tal-ekosistemi tal-ekonomija soċjali tal-UE jikkontribwixxi biex jittaffew il-konsegwenzi tat-tixjiħ tal-**popolazzjoni**, tad-depopolazzjoni u ta' xejriet demografiċi oħra, u biex jiġi promoss l-iżvilupp ekonomiku u industrijali lokali, **inkluż fiż-żoni rurali u remoti u fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE**, bħall fl-agrikoltura, fil-produzzjoni tal-ikel organiku, u fl-ekonomija blu.

¹⁵ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar kontijiet individwali tal-apprendiment 2022/C 243/03 (ĠU C 243, 27.6.2022, p. 26–34).

- (14) Il-promozzjoni ta' żvilupp lokali mmexxi mill-komunità u ta' ekosistemi favorevoli għall-innovazzjoni soċjali ssaħħa l-ekonomija soċjali u tixpruna t-tibdil għal ekonomija newtrali għall-klima f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew¹⁶ u mal-pjan industrijali tal-Patt Ekoloġiku¹⁷. Minħabba r-rwol importanti tal-ekonomija soċjali fl-iżvilupp tal-ekonomija ċirkolari, **kif ukoll fil-produzzjoni mmexxija miċ-ċittadini u d-distribuzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, permezz ta' kooperattivi tal-enerġija rinnovabbli u komunitajiet oħra tal-enerġija**, it-tfassil ta' miżuri ta' politika industrijali trażversali u koerenti dwar l-użu mill-ġdid, it-tiswija, u r-riċiklaġġ jista' jippromwovi suq li jiffunzjona għall-materja prima sekondarja, jottimizza l-kontribut tal-ekonomija soċjali għall-oġettivi stabbiliti mill-pjan ta' azzjoni tal-ekonomija ċirkolari¹⁸, u jagħti spinta lill-kompetittività tal-industrija Ewropea b'emissjonijiet netti żero. Entitajiet tal-ekonomija soċjali li joperaw fil-qasam diġitali wrew il-potenzjal li ċ-ċittadini u n-negozji jingħataw is-setgħa biex jipparteċipaw fi tranżizzjoni diġitali inklużiva u ċċentrata fuq il-bniedem u għandhom rwol attiv fl-ilħuq tal-oġettivi u l-miri tal-programm ta' politika tad-Deċennju Diġitali 2030 stabbilit bid-Deċiżjoni (UE) 2022/2481¹⁹ u d-Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali²⁰. Biex tagħti spinta lir-reżiljenza ta' din it-tranżizzjoni doppja għal soċjetà ekoloġika u diġitali, il-Kummissjoni aġġornat l-istrateġija industrijali tal-Unjoni tagħha f'Mejju 2021. L-istrateġija tistabbilixxi l-isfidi ffaċċjati mill-14-il ekosistema industrijali, fosthom l-ekosistema "tal-ekonomija soċjali u tal-prossimità", **li għaliha nbenja perkors ta' tranżizzjoni b'mod konġunt.**

¹⁶ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew", COM(2019) 640 final.

¹⁷ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "*Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Żero Netti*", COM(2023) 62 final.

¹⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari Għal Ewropea aktar nadifa u kompetittiva", COM(2020) 98 final.

¹⁹ Id-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali (ĠU L 323, 19.12.2022, p. 4–26).

²⁰ Id-Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali, COM(2022) 28 final.

- (14a) **L-entitajiet tal-ekonomija soċjali huma muturi tal-innovazzjoni soċjali. L-innovazzjoni soċjali tinkludi attivitajiet li huma soċjali kemm fir-rigward tal-finijiet tagħhom kif ukoll tal-mezzi tagħhom, b'mod partikolari attivitajiet li għandhom x'jaqsmu mal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' ideat ġodda li jikkonċernaw prodotti, servizzi, prattiki u mudelli li fl-istess ħin jissodisfaw il-ħtiġijiet soċjali u joħlqu relazzjonijiet jew kollaborazzjonijiet soċjali ġodda bejn organizzazzjonijiet pubbliċi, tas-soċjetà ċivili jew privati, biex b'hekk jagħmlu l-ġid fis-soċjetà u jixprunaw il-kapaċità tagħha li taġixxi²¹.**
- (15) Sabiex l-ekonomija soċjali tkun tista' tissodisfa l-potenzjal tagħha fl-appoġġ tal-aċċess għas-suq tax-xogħol, l-inklużjoni soċjali, l-iżvilupp tal-ħiliet, il-koeżjoni territorjali u l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli, teħtieġ qafas abilitanti. Peress li l-ekonomija soċjali **tista' tkun preżenti fis-setturi ekonomiċi kollha** u hija influwenzata minn politiki u dispożizzjonijiet orizzontali u settorjali, qafas abilitanti jeħtieġ li jqis il-karatteristiċi speċifiċi tal-ekonomija soċjali u l-ostakli addizzjonali li l-entitajiet tal-ekonomija soċjali jiffaċċjaw fl-iżvilupp tagħhom li jillimitaw l-ambitu tagħhom biex joperaw flimkien man-negozji tradizzjonali. L-entitajiet tal-ekonomija soċjali ma jfittxux **prinċipalment** li jimmassimizzaw il-kisbiet u l-profitti fl-effiċjenza iżda li joħlqu eżiti pożittivi tas-soċjetà. Dawn jeħtieġu miżuri ta' appoġġ u ambjenti finanzjarji, amministrattivi u legali favorevoli li jqisu l-karatteristiċi speċifiċi tal-mudelli tan-negozju tagħhom f'termini ta' governanza, allokkazzjoni tal-profitti, kundizzjonijiet tax-xogħol u impatt. Dawn il-miżuri jippermettulhom, pereżempju, jimpjegaw ħaddiema li huma inqas produttivi jew jipprovdu servizzi soċjali bi prezzijiet aċċessibbli. Huma meħtieġa strateġiji komprensivi biex jiġu stabbiliti oqfsa abilitanti. Dan jista' jinvolvi l-adozzjoni ta' miżuri regolatorji jew l-implimentazzjoni jew l-aġġustament ta' politiki u inizjattivi biex jiġu appoġġati l-kontribuzzjonijiet tal-ekonomija soċjali għall-għanijiet soċjali u ambjentali u jittejjeb il-valur ekonomiku u industrijali tagħhom. Jenħtieġ li dawn l-istrateġiji jsegwu l-progress u jkejlu l-effettività tal-inizjattivi, jagħmlu aġġustamenti u titjib kif meħtieġ, u eventwalment jirriżultaw f'eżiti mis-settur aktar effiċjenti li jħallu impatt. Jista' jkun hemm bżonn li jiġu adottati strateġiji f'livelli differenti ta' gvernar (nazzjonali, reġjonali u lokali) skont l-organizzazzjoni u l-kuntest istituzzjonali f'kull Stat Membru. Ir-reġjuni, **il-bliet** u livelli sottonazzjonali oħra jistgħu jadottaw strateġiji tal-ekonomija soċjali li huma marbuta b'mod ċar mal-oġġettivi u l-prijoritajiet tal-iżvilupp reġjonali, filwaqt li jimmassimizzaw il-benefiċċji mutwi.

²¹ Kif definit fir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013.

- (16) Huwa essenzjali li l-partijiet ikkonċernati tal-ekonomija soċjali jiġu involuti għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni b'suċċess tal-istrategġiji tal-ekonomija soċjali. Diversi Stati Membri diġà stabbilew gruppi ta' livell għoli li jrawmu d-djalogu bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-entitajiet tal-ekonomija soċjali²². In-networks rappreżentattivi tal-ekonomija soċjali jistgħu jkunu wkoll pjattaforma għal azzjoni kollettiva, dawn jistgħu jiffaċilitaw il-kollaborazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni, u joħolqu opportunitajiet għall-bini tal-kapaċità u t-tagħlim bejn il-pari.
- (17) L-appoġġ finanzjarju pubbliku **jista' jkollu** rwol importanti biex jippermetti l-bidu u l-iżvilupp tal-entitajiet tal-ekonomija soċjali. B'mod ġenerali, l-entitajiet tal-ekonomija soċjali jsibu diffikultajiet akbar fl-aċċess għar-riżorsi finanzjarji minn intrapriżi oħra. Pereżempju, minkejja li sar xi titjib, analiżi tas-swieq finanzjarji tal-intrapriżi soċjali żvelat spariġġ persistenti bejn id-domanda u l-provvista ta' finanzjament għall-intrapriżi soċjali fl-Ewropa, f'termini kemm ta' aċċess għad-dejn kif ukoll għall-ekwità. Peress li l-entitajiet tal-ekonomija soċjali għandhom l-għan li jiġġeneraw impatti soċjali u/jew ambjentali pożittivi u jistgħu biss jiddistribwixxu l-profitti lill-finanzjaturi u lis-sidien tagħhom sa ċertu punt limitat, jekk ikun jistgħu, ġeneralment ma jkunux adattati tajjeb għall-investituri li jfittxu redditi finanzjarji sinifikanti. Il-miżuri ta' appoġġ disponibbli biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni għandhom it-tendenza li jkunu irregolari u jvarjaw b'mod konsiderevoli fl-effettività tagħhom. Il-miżuri jvarjaw minn għotjiet u sussidji għal servizzi ta' konsulenza u ta' bini tal-kapaċità u ħafna drabi jiġu pprovduti minn inkubaturi. Għalhekk, għad hemm lok kbir għal titjib fil-provvista ta' finanzjament imfassal apposta għal stadji differenti taċ-ċiklu tal-ħajja ta' entità tal-ekonomija soċjali, u aktar appoġġ għall-mobilizzazzjoni tal-finanzjament privat u ta' miżuri komplementari oħra jista' jkun utli biex jittejjeb l-aċċess għall-finanzjament għall-entitajiet tal-ekonomija soċjali. Approċċ partikolari jinvolvi l-għoti ta' għażla lil dawk l-individwi li jfaddlu u lill-impjegati li jipparteċipaw fi pjanijiet ta' rtirar jew ta' tfaddil ifffinanzjati mill-impjegaturi biex jagħżlu pjan ta' tfaddil li jinvesti porzjon mit-tfaddil tagħhom f'intrapriża soċjali²³.

²². Pereżempju, il-Kunsill Għoli Franċiż għall-Ekonomija Soċjali u s-Solidarjetà, il-Kunsill Spanjol għall-Iżvilupp tal-Ekonomija Soċjali, il-Kunsill Nazzjonali Portugiż għall-Ekonomija Soċjali u l-Kunsill Nazzjonali Taljan għat-Tielet Settur.

²³. Pereżempju "Les Fonds Communs de Placement d'Entreprise solidaires" fi Franza.

- (18) L-Unjoni tipprovdi ħafna opportunitajiet ta' finanzjament biex tappoġġa l-ekonomija soċjali. Il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1058²⁴, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1056²⁵, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1305/2013²⁶, il-programm tas-suq uniku stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/690²⁷, il-programm InvestEU stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/523²⁸, u, fejn rilevanti, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/241²⁹, kollha jipprovdu finanzjament. L-Unjoni tipprovdi wkoll appoġġ konsultattiv permezz tal-pjattaforma fi-compass għat-tfassil ta' strumenti finanzjarji fil-qafas tal-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni. L-Istati Membri, inkluż l-awtoritajiet reġjonali u lokali, jistgħu jagħmlu użu aħjar minn dawn l-opportunitajiet billi jadottaw miżuri speċifiċi għall-ekonomija soċjali. L-appoġġ tekniku³⁰ huwa strument ieħor tal-Unjoni disponibbli biex tittejjeb il-kapaċità tal-Istati Membri li jfasslu u jimplementaw politiki biex tissaħħaħ l-ekonomija soċjali.

²⁴. Ir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 60–93).

²⁵. Ir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 1–20).

²⁶. Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487–548).

²⁷. Ir-Regolament (UE) 2021/690 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi programm għas-suq intern, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, għall-qasam tal-pjanti, l-annimali, l-ikel u l-għalf, u għall-istatistika Ewropea (Programm tas-Suq Uniku) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 99/2013, (UE) Nru 1287/2013, (UE) Nru 254/2014 u (UE) Nru 652/2014 (ĠU L 153, 3.5.2021, p. 1–47).

²⁸. Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30–89).

²⁹. Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17–75).

³⁰. Ir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi Strument ta' Appoġġ Tekniku, (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 1–16).

- (19) Il-provvista ta' oġġetti u servizzi u l-ħidma kemm mal-awtoritajiet pubbliċi kif ukoll man-negozji tradizzjonali huma kritiċi għall-iżvilupp tal-ekonomija soċjali, għall-ġenerazzjoni tad-dħul u biex l-entitajiet tal-ekonomija soċjali jiġu meġġuna jsiru finanzjarjament awtosuffiċjenti. Bis-saħħa tal-ambitu għall-flessibbiltà skont ir-regoli tal-Unjoni dwar l-akkwist pubbliku, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jużaw l-akkwist pubbliku b'mod aktar strateġiku billi jistabbilixxu kriterji innovattivi, ekoloġiċi u soċjali, li fl-aħħar mill-aħħar jikkontribwixxu għal ekonomija aktar sostenibbli, inklużiva u kompetittiva. Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-offerti għadhom jingħataw biss abbażi tal-prezz. Peress li l-entitajiet tal-ekonomija soċjali għandhom l-għan li jipprovdu benefiċċji għas-soċjetà u kollettivi aktar milli jipprovdu servizzi bl-inqas prezz, huma jsibu diffikultà biex jikkompetu fi proċessi regolari tal-akkwist pubbliku, minkejja l-fatt li jistgħu jipprovdu valur miżjud usa' għall-proċess ta' akkwist. Hemm ukoll lok biex tiżdied il-kapaċità tal-entitajiet tal-ekonomija soċjali li jagħmlu n-negozju, inkluż permezz ta' integrazzjoni aktar sistematika fil-ktajjen tal-valur tan-negozji tradizzjonali u sħubija magħhom biex jagħmlu offerti konġunti għall-akkwist pubbliku u joħlqu opportunitajiet ġodda għas-suq.
- (20) L-awtoritajiet pubbliċi spiss ma jagħmlux l-aħjar użu mill-ambitu kurrenti skont ir-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat biex jappoġġaw l-ekonomija soċjali, fejn is-suq waħdu ma jkunx jista' jikseb aċċess sodisfaċenti għas-suq tax-xogħol u għall-inklużjoni soċjali, u jillimitaw lilhom infushom għal miżuri taħt il-limitu *de minimis* ġenerali u ma jużawx l-opzjoni li jistabbilixxu miżuri skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014³¹ (ir-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija) bħall-għajjnuna reġjonali, l-għajjnuna għall-finanzjament tar-riskju, u l-għajjnuna għar-reklutaġġ ta' ħaddiema żvantaġġati. Fir-rigward tal-għajjnuna *de minimis*, din bħalissa hija limitata għal EUR 200 000 fuq tliet snin, iżda r-regoli attwali ser jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2023 u qegħdin fil-proċess li jiġu riveduti. Ir-regoli tal-Unjoni li jirregolaw is-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali joffru wkoll ambitu biex tiġi awtorizzata l-għajjnuna mill-Istat, iżda l-awtoritajiet pubbliċi spiss ma jagħmlux użu sħiħ minn dawn l-għażliet, b'mod partikolari għas-servizzi soċjali fil-qasam tal-integrazzjoni fix-xogħol ta' persuni vulnerabbli.

³¹. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajjnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1–78).

- (21) Il-politika tat-tassazzjoni jista' jkollha wkoll rwol sinifikanti fit-trawwim tal-ekonomija soċjali u fl-iżgurar li l-entitajiet tal-ekonomija soċjali jkunu jistgħu joperaw flimkien man-negozji tradizzjonali, fil-ħolqien ta' ambjent tan-negozju aktar ekwu filwaqt li jikkontribwixxu għall-inklużjoni soċjali u għal aċċess imtejjeb għall-impjiegi. **Xi Stati Membri stabbilew [...] qafas ta' tassazzjoni li jħeġġeġ l-iżvilupp tas-settur, inkluż inċentivi tat-taxxa mfassla għall-ħtiġijiet tal-ekonomija soċjali, filwaqt li jirrikonoxxu d-diversità tiegħu u jipprevjenu l-frammentazzjoni. L-istabbiliment ta' inċentivi tat-taxxa mfassla tajjeb għad-donazzjonijiet lil entitajiet tal-ekonomija soċjali ta' benefiċċju pubbliku jista' jstimula l-finanzjament tagħhom, anki bejn il-fruntieri tal-Unjoni f'konformità mal-prinċipju tat-Trattat tan-nondiskriminazzjoni. Għad hemm ostakli amministrattivi f'diversi Stati Membri fir-rigward ta' donazzjonijiet ta' benefiċċju pubbliku bejn il-fruntieri tal-Istati Membri, **pereżempju n-nuqqas ta' traduzzjonijiet ta' formoli nazzjonali, in-nuqqas ta' formoli standardizzati dwar it-taxxa diretta għal donazzjonijiet transfruntiera**, u n-nuqqas ta' trasparenza dwar id-dokumenti meħtieġa biex wieħed jikkwalifika għal status ta' benefiċċju pubbliku [...].**
- (22) Il-proċessi tal-kejl u tal-ġestjoni tal-impatt soċjali huma partikolarment importanti għall-entitajiet tal-ekonomija soċjali peress li dawn jippermettulhom jifhmu u jikkomunikaw l-impatt tagħhom u jaċċessaw il-finanzjament xprunat mill-impatt. Il-kejl tal-impatt soċjali jinvolvi l-użu ta' metriċi u għodod biex jitkejjel l-impatt soċjali ta' intervent jew inizzjattiva partikolari. Il-ġestjoni tal-impatt soċjali tinvolvi l-bini tas-sistemi, tal-proċessi u tal-kapaċitajiet li organizzazzjoni teħtieġ li timmaniġġa u żżid b'mod proattiv l-impatt tagħha. Iżda l-firxa wiesgħa ta' oqfsa u għodod disponibbli tista' tkun sfida, b'mod partikolari għal entitajiet b'inqas riżorsi. Il-monitoraġġ tal-eżiti soċjali tal-investimenti pubbliċi jippermetti l-iskrutinju pubbliku, jista' jappoġġa r-raġuni għall-użu tal-flus tal-kontribwenti biex jappoġġa entitajiet jew attivitajiet tal-ekonomija soċjali, u jista' jgħin biex jipprevjenu "l-impact washing" (dikjarazzjoni eċċessiva jew falza tal-impatt). Approċċi tal-kejl u tal-ġestjoni tal-impatt soċjali li huma kkunsidrati sew, proporzjonati u adattati għall-ħtiġijiet ta' entitajiet individwali jistgħu jkunu ta' għajjnuna f'dan ir-rigward. Jenħtieġ li dawn ikunu bbażati fuq metodi u indikaturi standard, kif ukoll fuq fatturi bħad-daqs, l-istadju tal-iżvilupp, u d-diversità tal-entitajiet. **L-irbit tal-kejl tal-impatt soċjali u l-metodoloġiji ta' ġestjoni mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti jista' jipprovdi qafas utli biex jintwera l-impatt.**

- (23) Il-viżibbiltà u r-rikonoxximent tal-ekonomija soċjali fil-livelli nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni tjiebu matul l-aħħar għaxar snin. Madankollu, il-potenzjal tas-settur f'ħafna pajjiżi tal-Unjoni għadu mhux sfruttat. Nuqqas ta' koordinazzjoni u skambju bejn il-pajjiżi jipperpetwa d-differenzi fl-iżvilupp tal-ekonomija soċjali, għalhekk hemm opportunità ċara għall-Istati Membri li jiggwadanjaw billi jitgħallmu u jikkondividu l-aħjar prattiki. Hemm ukoll għarfien limitat fost il-pubbliku ġenerali dwar l-ekonomija soċjali u l-kontribuzzjonijiet pożittivi li dan jagħmel. Dan jista' jfikkell l-iżvilupp ta' politiki ta' appoġġ u opportunitajiet tas-suq għall-ekonomija soċjali. Ir-regolamentazzjoni filwaqt li tiġi żgurata li l-leġiżlazzjoni għida tissodisfa l-ħtiġijiet tal-entitajiet tal-ekonomija soċjali tista' tqajjem kuxjenza u tagħtihom leġittimità akbar, filwaqt li tiffaċilita l-aċċess għall-finanzi u s-swieq. L-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali u l-partijiet ikkonċernati nedew diversi inizjattivi, bħal forum legali, tikketti u statuses speċifiċi³² għall-ekonomija soċjali, u kampanji ta' komunikazzjoni fuq skala kbira, biex iżidu l-fehim u l-viżibbiltà tal-ekonomija soċjali. Riformi oħra ta' suċċess jinkludu l-ħolqien ta' unitajiet ministerjali speċifiċi għall-ekonomija soċjali u djalogu msaħħaħ bejn il-partijiet ikkonċernati u l-awtoritajiet pubbliċi. It-tisħiħ tal-viżibbiltà tal-ekonomija soċjali huwa kruċjali biex jiġi rikonoxxut bis-sihh l-impatt pożittiv tagħha fuq is-soċjetà, kif enfasizzat fil-pjan ta' azzjoni tal-ekonomija soċjali bit-tnedija ta' gateway tal-ekonomija soċjali.
- (24) Data u statistika akkurati huma kruċjali biex jittejjeb il-fehim tal-mudelli ta' negozju tal-ekonomija soċjali u biex jittieħdu deċiżjonijiet ta' politika bbażati fuq l-evidenza. Madankollu, hemm nuqqas ta' data affidabbli dwar l-ekonomija soċjali, inkluż data dwar il-valur miżjud ekonomiku u l-prestazzjoni tagħha. Id-data eżistenti spiss ma tkunx kompluta u tkun diffiċli biex titqabbel. Pereżempju, huma biss ftit l-Istati Membri li espandew is-sistemi nazzjonali ta' kontabbiltà tagħhom biex jiġbru data supplementari (bħal f'kontijiet satellita) dwar l-ekonomija soċjali, minkejja l-appoġġ finanzjarju disponibbli mill-baġit tal-UE. L-ekonomija soċjali normalment ma tiġix inkluża fl-istatistika strutturali tan-negozju, pereżempju meta l-istatistika tkun mibnija fuq data ekonomika ġġenerata minn negozji bi skop ta' qligħ, u l-entitajiet tradizzjonali tal-ekonomija soċjali jiġu inklużi biss f'kategoriji residwi. Billi jsiru disponibbli statistika essenzjali dwar id-daqs, il-forza tax-xogħol, l-iżvilupp u l-isfidi tal-ekonomija soċjali, l-istrateġiji u l-miżuri stabbiliti jkun aktar effiċjenti u aġġustati għas-sitwazzjonijiet differenti fis-settur.
- (25) **B'mod aktar ġenerali, il-promozzjoni tal-ekonomija soċjali tista' tikkontribwixxi wkoll għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.**

³². L-istatuses/il-kwalifiki legali, xi kultant imsejħa wkoll tikketti, huma distinti mill-forom legali peress li jistgħu jiġu adottati minn varjetà ta' forum legali, inkluż organizzazzjonijiet bi skop ta' qligħ u mingħajr skop ta' qligħ.

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDEZZJONI:

OBJETTIV

1. F'konformità mal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, l-għan ta' din ir-Rakkomandazzjoni huwa li trawwem l-aċċess għas-suq tax-xogħol u l-inklużjoni soċjali billi tiggwida lill-Istati Membri fil-promozzjoni ta' oqfsa ta' politika u regolatorji abilitanti għall-ekonomija soċjali u miżuri li jiffaċilitaw l-iżvilupp tagħha.

Sabiex jintlaħqu dawn l-obiettivi, l-Istati Membri, **skont il-kompetenzi nazzjonali u filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi nazzjonali**, huma rakkomandati li jaħdmu flimkien mal-partijiet ikkonċernati biex jirrikonoxxu, jappoġġaw u jibnu fuq il-kontribuzzjonijiet magħmula mill-ekonomija soċjali.

2. **Permezz tal-promozzjoni tal-ekonomija soċjali**, din ir-Rakkomandazzjoni **tappoġġa** l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali [...] u **tgħin biex** jintlaħqu l-miri ewlenin tal-Unjoni għall-impjieġ, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar sal-2030 **f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali**.
3. **Il-promozzjoni** tal-ekonomija soċjali, [...] **tista' wkoll** tistimula żvilupp **soċjoekonomiku** u industrijali ġust u sostenibbli. **Din tista'** tikkontribwixxi għall-**Patt Ekoloġiku Ewropew, għad-demokrazija ekonomika, għall-parteċipazzjoni attiva taċ-ċittadini u għat-titjib** tal-koeżjoni **soċjali** u territorjali fl-Istati Membri kollha.

DEFINIZZJONIJIET

4. Għall-fini ta' din ir-Rakkomandazzjoni, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin, **filwaqt li jitqiesu l-oqfsa legali eżistenti tal-Istati Membri:**
- (a) "ekonomija soċjali" tfisser **univers ta'** entitajiet privati **awtonomi [...]** li jipprovdu oġġetti u servizzi lill-membri tagħhom jew lis-soċjetà, li jinkludu **forom organizzattivi bħal** kooperattivi, soċjetajiet [...] mutwi, assoċjazzjonijiet (inkluż organizzazzjonijiet tal-karità), fondazzjonijiet **jew** intrapriżi soċjali li joperaw f'konformità mal-prinċipji u l-karatteristiċi ewlenin li ġejjin:
- l-ewwel jiġu n-nies u l-għan soċjali u/jew ambjentali, mhux il-profitt;
 - l-investment mill-ġdid tal-profitti **kollha jew** tal-biċċa l-kbira tagħhom u tas-surpluses biex ikomplu jsegwu l-għanijiet soċjali u/jew ambjentali tagħhom u jwettqu attivitajiet fl-interess tal-membri/tal-utenti ("interess kollettiv") u/jew tas-soċjetà iġenerali ("interess ġenerali"); u
 - governanza demokratika u/jew parteċipattiva.
- (b) "intrapriża soċjali" tfisser entità **privata awtonoma** li tipprovdi oġġetti u servizzi għas-suq b'mod intraprenditorjali u f'konformità mal-prinċipji u l-karatteristiċi tal-ekonomija soċjali, b'objettivi soċjali **jew** ambjentali bħala r-raġuni għall-attività kummerċjali tagħha. **L-intrapriżi soċjali jistgħu jiġu stabbiliti f'varjetà ta' forom legali.**

TRAWWIM TAL-AĊĊESS GĦAS-SUQ TAX-XOĠHOL U L-INKLUŻJONI SOĊJALI PERMEZZ TAL-EKONOMIJA SOĊJALI

Aċċess għas-suq tax-xoġhol

5. L-Istati Membri huma rakkomandati li jirrikonoxxu u jappoġġaw il-valur miżjud speċifiku tal-ekonomija soċjali billi jiffaċilitaw l-aċċess għas-suq tax-xoġhol u jippromwovu impjiegi ta' kwalità għal kulħadd, filwaqt li jtejbu wkoll il-kundizzjonijiet tax-xoġhol ġusti, **is-sikurezza u s-saħħa fuq il-post tax-xoġhol, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni**. Dan jenħtieġ li jsir fil-qafas ta' tkabbir inklużiv, kif enfasizzat fil-Linji Gwida tal-2022 għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri, b'mod partikolari billi:
- (a) jiġu stabbiliti jew imħeġġa inizzjattivi ta' sħubija li jinvolvu entitajiet tal-ekonomija soċjali fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' politiki attivi tas-suq tax-xoġhol;
 - (b) jiġi żgurat **li** l-awtoritajiet pubbliċi jipprovdu appoġġ **xieraq** lill-entitajiet tal-ekonomija soċjali bil-għan li jintegraw aħjar fis-suq tax-xoġhol lin-nisa, lill-gruppi żvantaġġati u sottorappreżentati **oħra** (bħall-persuni qiegħda fit-tul, il-persuni li jbatu minn mard mentali, il-persuni inattivi, b'livell baxx ta' ħiliet, il-**persuni** b'diżabbiltà, il-**persuni** ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni, ta' minoranza, ta' razza jew etniku (inkluż ir-Rom), il-**ħaddiema** zghażaġh u dawk aktar anzjani) permezz ta':
 - i. intrapriżi soċjali għall-integrazzjoni fix-xoġhol li jipprovdu impjieg u appoġġ imfassal apposta għal dawn il-gruppi;
 - ii. azzjoni biex tgħin lil dawn il-gruppi ta' nies jippreparaw għall-impjieg permezz ta' esperjenza ta' xoġhol f'intrapriżi soċjali għall-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xoġhol miftuħ.

- (c) jiġu appoġġati proġetti kollaborattivi bejn is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, l-awtoritajiet lokali, l-entitajiet tal-ekonomija soċjali u n-negozji tradizzjonali biex joffru gwida għall-karriera mfassla apposta u opportunitajiet ta' apprendiment u taħriġ għaż-żgħażaġh li ma humiex fl-edukazzjoni, fl-impjieg jew fit-taħriġ (NEETs). Dawn l-opportunitajiet jistgħu jinkludu apprendistati, programmi ta' immersjoni professjonali, coaching personali u laqgħat ma' persuni ammirati, u għandhom l-għan li jiffaċilitaw l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, f'konformità mal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ Imsaħħa;
- (d) tiġi promossa [...] l-intraprenditorija **fl-ekonomija soċjali, inkluż in-negozji l-ġodda**, bħala mezz għat-trawwim ta' impjieg indipendenti u forom oħra ta' impjieg, l-iżvilupp tal-attività ekonomika lokalment u l-indirizzar tal-isfidi **soċjali** u ambjentali permezz ta' mudelli ta' negozju innovattivi u inklużivi; filwaqt li biex jinkiseb dan, l-Istati Membri jistgħu, pereżempju:
- i. jiżguraw li [...] l-intraprendituri **fl-ekonomija soċjali** jkollhom aċċess għall-protezzjoni soċjali;
 - ii. jikkunsidraw [...] **l-introduzzjoni ta' inċentivi għar-reklutaġġ** ta' impjegati ġodda **jew għall-integrazzjoni ta' membri tal-ħaddiema**;
 - iii. jidentifikaw, jivvalutaw u jindirizzaw l-iżvantaġġi jew l-ostakli amministrattivi potenzjali biex jinbeda negozju soċjali;
 - iv. **jippromwov u l-kultura ta' negozji ġodda, l-iżvilupp tal-ħiliet għan-negozji ġodda, u l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet ta' qafas favorevoli għan-negozji ġodda, kif ukoll l-inklużjoni ta' mudelli tal-ekonomija soċjali bħala għodda rilevanti fil-politiki tan-negozji ġodda.**

- (e) jiġu mfassla politiki u jiġu addottati miżuri li jipromwvu u jintegraw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-ekonomija soċjali, pereżempju billi:
- i. jisfidaw in-normi soċjali diskriminatorji u l-istereotipi dwar il-ħiliet tan-nisa u l-irġiel, kif ukoll is-sottovalutazzjoni tax-xogħol tan-nisa;
 - ii. jipprovdu appoġġ imfassal apposta biex in-nisa jingħataw is-setgħa billi jitnaqqsu d-differenzi bejn il-ġeneri fl-impjiegi [...], **billi** tiġi żgurata tmexxija ugwali, **kif ukoll paga ugwali għal xogħol ugwali**;
 - iii. jipprovdu aċċess għal programmi ta' coaching u ta' mentoraġġ għan-nisa **li għandhom l-għan** li jkunu [...] intraprendituri u mexxejja **fl-ekonomija soċjali**.
- (f) jiġi żgurat qafas abilitanti għat-trasferimenti tan-negożju lill-impjegati biex jiffurmaw kooperattivi tal-ħaddiema **u forom legali oħra rilevanti għall-ekonomija soċjali**, biex jiġi evitat it-telf ta' impjiegi u tiġi salvagwardjata l-attività ekonomika. **Jenħtieġ li tali qafas jinkludi mekkaniżmi ta' akkumpanjament biex jipprovdu informazzjoni dwar il-kostijiet u l-benefiċċji probabbli tat-trasferimenti ta' negozji lill-impjegati**;
- (g) ikun hemm kollaborazzjoni ma' entitajiet tal-ekonomija soċjali biex aktar **persuni** b'diżabbiltà jkunu jistgħu jingħaqdu fis-suq tax-xogħol, pereżempju billi jiġu żviluppati teknoloġiji ta' assistenza;
- (h) jiġi promoss id-djalogu soċjali u n-negożjar kollettiv fl-ekonomija soċjali biex jiġi żgurat li l-ħaddiema jkollhom kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, inkluż pagi ġusti, filwaqt li jirrispettaw l-awtonomija tas-šhab soċjali.
- (i) **jiġu rikonoxxuti l-prattiki demokratiċi speċifiċi li huma żviluppati fl-entitajiet tal-ekonomija soċjali.**

Inklużjoni soċjali

6. **Filwaqt li jqisu l-kuntesti nazzjonali differenti**, l-Istati Membri huma rakkomandati li jirrikonoxxu u jappoġġaw ir-rwol tal-ekonomija soċjali fl-għoti ta' servizzi soċjali u ta' kura u ta' akkomodazzjoni aċċessibbli u ta' kwalità għolja, **filwaqt li jitqiesu wkoll** il-gruppi żvantaġġati, **f'kooperazzjoni mill-qrib flimkien mas-** servizzi soċjali disponibbli għall-pubbliku. Pereżempju, dan jista' jinkludi:
- (a) il-kollaborazzjoni mal-entitajiet tal-ekonomija soċjali fl-oqsma ta' azzjoni rispettivi tagħhom meta jistabilixxu u jipprovdu servizzi ta' interess ġenerali;
 - (b) l-involviment ta' entitajiet tal-ekonomija soċjali fit-tfassil u fl-għoti ta' servizzi soċjali u tal-kura ċċentrati fuq in-nies, **fosthom għall-anzjani**, kif enfasizzat mill-istrateġija Ewropea tal-kura;
 - (c) il-ħidma flimkien ma' entitajiet tal-ekonomija soċjali biex ifasslu u jagħtu kura u appoġġ lit-tfal u ż-żgħażaġh, inkluż tfal minn gruppi żvantaġġati, f'konformità mal-Garanzija Ewropea għat-Tfal stabbilita bir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004³³ u l-istrateġija tal-Unjoni dwar id-drittijiet tat-tfal³⁴.

³³. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004 tal-14 ta' Ġunju 2021 li tistabilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal (ĠU L 223/14 22.6.2021).

³⁴. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni "Strateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal", COM(2021) 142 final.

Ħiliet

7. L-Istati Membri huma rakkomandati jappoġġaw it-taħriġ u l-iżvilupp tal-ħiliet għall-ekonomija soċjali, b'mod partikolari billi:
- (a) jużaw l-għarfien eżistenti dwar il-ħiliet li jsegwi l-ħtiġijiet tal-ekonomija u tas-suq tax-xogħol ġenerali biex jifhmu kif l-ekonomija soċjali tista' tikkontribwixxi għall-provvista ta' forza tax-xogħol bil-ħiliet meħtieġa u ttaffi n-nuqqasijiet tax-xogħol;
 - (b) jiffaċilitaw l-**edukazzjoni**, it-taħriġ u l-ħiliet fl-ekonomija soċjali billi:
 - i. imexxu skambji ta' apprendiment bejn l-entitajiet tal-ekonomija soċjali, l-organizzazzjonijiet ta' taħriġ u l-kumpaniji ġenerali, bil-għan li jittejbu l-ħiliet maniġerjali, intraprenditorjali u relatati mal-impjegi meħtieġa għat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi (inkluż il-ħiliet ċirkolari, ta' tiswija u diġitali);
 - ii. iħarrġu mill-ġdid u jtejbu l-ħiliet tal-istudenti tul il-ħajja, inkluż **in-nisa u** gruppi żvantaġġati ta' persuni, u l-għajnuna tagħhom fit-tranżizzjoni lejn is-suq tax-xogħol miftuħ, f'konformità mal-approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali għall-apprendiment tul il-ħajja u l-impjegabbiltà **u miżuri oħra f'konformità mal-ispeċifità jiet nazzjonali**;
 - iii. jinkludu taħriġ fuq jew ipprovdut mill-ekonomija soċjali fil-lista ta' taħriġ eliġibbli li għandu jġi kopert mill-kontijiet ta' apprendiment individwali³⁵ **u inizjattivi eżistenti oħra fil-livell nazzjonali**;
 - iv. jinkoraġġixxu l-**opportunitajiet ta' taħriġ għall-ħaddiema biex potenzjalment isegwu karriera fl-ekonomija soċjali, pereżempju, permezz ta' programmi ta' konsulenza u taħriġ imfassla apposta bbażati fuq il-prinċipji tal-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli.**

³⁵. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar kontijiet individwali tal-apprendiment 2022/C 243/03 (ĠU C 243, 27.6.2022, p. 26–34).

- (c) joħolqu skemi speċifiċi ta' apprendistat fl-ekonomija soċjali li jappoġġaw liż-żgħażaġh, b'mod partikolari lil dawk li ma humiex f'impjeg, f'edukazzjoni jew f'taħriġ, biex itejbu l-ħiliet u jħejjuhom għas-suq tax-xoġhol u jippermettu lill-ekonomija soċjali tiżviluppa t-talent fis-settur, f'konformità mal-Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi;
- (d) irawmu l-inklużjoni tal-ħiliet tal-ekonomija soċjali u tal-intraprenditorija soċjali fl-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livelli kollha tal-edukazzjoni, speċjalment fil-korsijiet tal-intraprenditorija u tan-negozju, **bħall-promozzjoni tal-kooperattivi tal-istudenti bħala opportunità ta' taħlim, kif ukoll** jipprovdu aċċess għal programmi ta' coaching u ta' mentoraġġ għal entitajiet tal-ekonomija soċjali u għal intraprendituri soċjali;
- (e) joħolqu ċentri nazzjonali ta' kompetenza għat-taħriġ dwar l-ekonomija soċjali u l-parteċipazzjoni f'inizjattivi tranżnazzjonali li jiffaċilitaw l-aċċess għal programmi speċjalizzati ta' edukazzjoni u taħriġ għall-ekonomija soċjali, pereżempju permezz ta' kooperazzjoni ma' fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali li jaħdmu fil-qafas ta' korpi stabbiliti, bħaċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali msemmija fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2020 dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza³⁶.

³⁶. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2020 dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza 2020/C 417/01 (ĠU C 417, 2.12.2020, p. 1–16).

L-innovazzjoni soċjali u l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli [...]

8. L-Istati Membri huma rakkomandati li jsaħħu r-rwol ta' appoġġ tal-entitajiet tal-ekonomija soċjali fil-promozzjoni tal-innovazzjoni soċjali u tas-setturi ewlenin tal-iżvilupp lokali u tal-impjiegi. Dan jista' jinkiseb billi:
- (a) jippromwovu ekosistema favorevoli għall-innovazzjoni soċjali u bbażata fuq il-post billi jiġu ffaċilitati l-inizjattivi ta' kooperazzjoni u sħubija bejn l-entitajiet tal-ekonomija soċjali u ċirkolari, in-negozji tradizzjonali, il-fornituri tal-finanzi, il-gvernijiet lokali u partijiet ikkonċernati oħra. Pereżempju, dan jista' jsir permezz ta':
 - i. il-ħolqien jew it-trawwim ta' ċentri ta' innovazzjoni soċjali jew ta' raggruppamenti ta' innovazzjoni soċjali u ekoloġika mfassla biex jissodisfaw il-ħtiġijiet lokali u jittestjaw soluzzjonijiet konġunti;
 - ii. l-involvement ta' entitajiet tal-ekonomija soċjali fl-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità, inkluż billi jsir użu mill-istrumenti ta' finanzjament tal-Unjoni disponibbli;
 - iii. l-interazzjoni maċ-ċentri ta' kompetenza nazzjonali u reġjonali għall-innovazzjoni soċjali biex jinbnew networks, jiżdedu l-kapaċitajiet u s-sinerġiji, jiġu enfasizzati l-effiċjenzi u jiġu żviluppati għodod u metodi essenzjali biex tiġi stimolata l-innovazzjoni soċjali.
 - (b) jiżguraw li l-politika dwar l-ekonomija soċjali tkun marbuta mal-politika industrijali u għat-tranżizzjoni għal ekonomija diġitali u ċirkolari, **pereżempju billi jkun hemm networking taċ-ċentri għall-innovazzjoni soċjali u teknoloġika;**
 - (c) jadattaw oqfsa regolatorji biex jappoġġaw l-entitajiet tal-ekonomija soċjali fl-ekonomija ċirkolari, pereżempju billi jiżguraw li l-inċentivi t-tajba jkunu fis-seħħ għan-negozji biex jagħtu b'donazzjoni u jirritornaw oġġetti mhux mibjugħa lil entitajiet tal-ekonomija soċjali għat-tiswija u l-użu mill-ġdid minflok ma jeqirdu l-oġġetti u għall-individwi biex jagħtu b'donazzjoni oġġetti użati, ħalli jiġi żgurat li l-entitajiet tal-ekonomija soċjali jkollhom aċċess għall-fluss tal-iskart, jiġu involuti fi strateġiji għall-prevenzjoni tal-iskart, u l-banek tal-ikel jiġu awtorizzati **jew imħeġġa** jiġbru l-ikel żejjed;

- (d) irawmu l-iżvilupp **lokali u l-koeżjoni territorjali permezz ta' inizzjattivi u ekosistemi bbażati fuq il-komunità tal-ekonomija soċjali**, pereżempju, l-komunitajiet tal-enerġija, is-soluzzjonijiet ta' mobbiltà kondiviża, il-kooperattivi ta' pjattaformi diġitali, l-ġhoti tal-kura, **akkomodazzjoni affordabbli u tal-komunità**, il-kooperattivi agrikoli u l-ktajjen u s-swieq tal-ikel qosra lokali, għaċ-ċittadini biex jaċċessaw prodotti u servizzi bbażati lokalment;
- (e) isaħħu l-aċċess tal-entitajiet tal-ekonomija soċjali għal għodod diġitali u teknoloġiji ġodda bħal dawk b'sors miftuħ, **tal-blockchain u ta' reġistru distribwit**, il-big data jew l-intelliġenza artifiċjali **u jħeġġu l-awtoritajiet pubbliċi biex jappoġġaw l-iżvilupp ta' software b'sors miftuħ f'kooperazzjoni mal-ekonomija soċjali u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra**;
- (f) **jippromwovu l-inklużjoni tal-entitajiet tal-ekonomija soċjali fl-iżvilupp lokali u reġjonali permezz tal-integrazzjoni tagħhom fl-ekosistemi eżistenti ta' appoġġ għan-negozju u l-innovazzjoni.**

ŻVILUPP TA' OQFSA ABILITANTI GĦALL-EKONOMIJA SOĊJALI

9. L-Istati Membri huma rakkomandati jiżviluppaw oqfsa ta' politika u regolatorji li jippermettu u jappoġġaw l-ekonomija soċjali. Għal dan il-għan, huma mħeġġa jfasslu u jintroduċu strateġiji komprensivi li jirrikonoxxu u jstimulaw l-ekonomija soċjali, **jew jadattaw strateġiji eżistenti**, f'konformità ma' **din ir-Rakkomandazzjoni**, il-pjan ta' azzjoni tal-Unjoni għall-ekonomija soċjali u gwida politika oħra tal-Unjoni. [...]
10. L-Istati Membri huma rakkomandati jistabbilixxu mekkaniżmi għall-konsultazzjoni u d-dialogu bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-ekonomija soċjali. Dan jista' jinvolvi t-twaqqif ta' gruppi ta' livell għoli u l-appoġġ għall-ħolqien u l-iżvilupp ta' networks rappreżentattivi tal-ekonomija soċjali.
11. Fl-istrateġiji msemmija fil-punt 9, jenħtieġ li l-Istati Membri jirrikonoxxu l-prinċipji, il-karatteristiċi ewlenin u l-kamp ta' applikazzjoni tal-ekonomija soċjali, u jirrikonoxxu li jistgħu jieħdu firxa ta' forom u statuses legali differenti u huma speċifiċi għal liġijiet u prattiki nazzjonali, reġjonali u lokali differenti. **F'dan il-kuntest, l-Istati Membri huma rakkomandati jsaħħu l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-iżvilupp tal-ekonomija soċjali.**

12. L-Istati Membri huma rakkomandati jinvestu fl-iżvilupp tal-fehim tal-uffiċjali pubbliċi u tal-awtoritajiet tagħhom tal-ekonomija soċjali permezz ta' programmi ta' taħriġ u inizjattivi tranżnazzjonali u/jew interreġjonali għall-bini tal-kapaċità, inkluż inizjattivi fil-qafas tal-programm Interreg Europe stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1059 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁷. Jenħtieġ li l-inizjattivi jiffukaw fuq it-tagħlim bejn il-pari u fuq il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, b'enfasi partikolari fuq it-trawwim tal-kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet reġjonali u lokali, kif ukoll il-partijiet ikkonċernati tal-ekonomija soċjali. Il-Kummissjoni ser tappoġġa din il-ħidma kif deskritt fil-punt 22(a)iii.
- 12a. (artikolu ġdid) L-Istati Membri huma rakkomandati li jsaħħu l-pożizzjoni tal-ekonomija soċjali fil-politiki ta' kooperazzjoni u żvilupp internazzjonali tagħhom, u li jsaħħu l-appoġġ tagħhom lill-entitajiet tal-ekonomija soċjali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.**

L-aċċess għall-finanzjament pubbliku u privat

13. L-Istati Membri huma rakkomandati joħolqu ambjent abilitanti għall-finanzjament soċjali fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali, b'mod partikolari billi:
- (a) jimmappjaw l-istrutturi ta' finanzjament għall-entitajiet tal-ekonomija soċjali, l-intermedjarji finanzjarji u l-organizzazzjonijiet ta' appoġġ, u jivvalutaw il-ħtiġijiet tagħhom u l-effettività tal-iskemi ta' appoġġ eżistenti;
 - (b) **jiffaċilitaw l-aċċess tal-entitajiet tal-ekonomija soċjali [...] għall-finanzjament fl-istadju t-tajjeb tal-iżvilupp tagħhom u mfassla għall-ħtiġijiet tagħhom, inkluż għotjiet u sussidji oħra, finanzjament ta' ekwità jew kważi ekwità għall-fażijiet tat-tnedija u tal-bidu, jew dejn, finanzjament ta' ekwità, kważi ekwità, jew finanzjament intermedju matul il-fażi tal-espansjoni, u skemi ta' finanzjament innovattivi, bħal sħubijiet pubbliċi-privati, pjattaformi ta' finanzjament kollettiv, u taħlitiet ta' tipi differenti ta' strumenti finanzjarji jew għotjiet u strumenti finanzjarji;**

³⁷. Ir-Regolament (UE) 2021/1059 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) appoġġata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-istrumenti ta' finanzjament estern (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 94–158).

- (c) jippromwovu l-aċċess tal-investituri fil-livell tal-konsumatur għal mudelli ta' negozju, setturi, prodotti u servizzi sostenibbli xprunati jew appoġġati mill-ekonomija soċjali;
- (d) jevalwaw il-kriterji għall-aċċess ta' programmi ta' finanzjament pubbliku, inkluż dawk immirati lejn in-negozji tradizzjonali, biex **jevitaw** ostakli bla bżonn għall-entitajiet tal-ekonomija soċjali;
- (e) jimmobilizzaw il-finanzjament privat billi jagħmlu disponibbli skemi ta' garanzija pubblika, **f'konformità mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat** fejn hemm bżonn, biex jiġu mħeġġa finanzjaturi speċjalizzati u tradizzjonali biex jiffinanzjaw entitajiet tal-ekonomija soċjali;
- (f) iqajmu kuxjenza dwar il-karatteristiċi u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-entitajiet tal-ekonomija soċjali biex itejbu l-kapaċità tal-finanzjaturi privati tradizzjonali li joffru appoġġ finanzjarju mfassal apposta;
- (g) jiffaċilitaw l-aċċess għall-appoġġ għall-iżvilupp tan-negozju u għat-tħejjija tal-investment għall-entitajiet tal-ekonomija soċjali matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, pereżempju permezz ta' skemi ta' appoġġ għas-sensibilizzazzjoni għall-inkubaturi tan-negozji tradizzjonali, l-aċċelleraturi, u organizzazzjonijiet oħra ta' appoġġ għan-negozji biex jestendu l-appoġġ tagħhom għall-entitajiet tal-ekonomija soċjali, inkluż opportunitajiet ta bini ta' kapaċità għall-maniġers tal-entitajiet tal-ekonomija soċjali;
- (h) joffru appoġġ finanzjarju ddedikat u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet biex jiġu ffaċilitati t-trasferimenti tan-negozji lill-**ħaddiema permezz ta' kooperattivi u forom oħra rilevanti tal-ekonomija soċjali, filwaqt li l-ħaddiema jiġu pprovduti b'servizzi ta' akkumpanjament u informazzjoni dwar il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali tiegħu;**

- (i) joffru skemi li jżidu d-disponibbiltà tal-finanzi għall-entitajiet tal-ekonomija soċjali, pereżempju jipprovdu l-għażla lil min ifaddal individwali, jew impjegati li jipparteċipaw fi pjanijiet ta' rtirar jew ta' tfaddil iffinanzjati minn impjegaturi, bl-għażla li jagħżlu pjan li jinvesti parti f'intrapriża soċjali;
- (j) jagħmlu l-aħjar użu mill-finanzjament disponibbli fil-qafas tal-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni, **inkluż il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+)**, **kif ukoll fil-qafas** tal-kompartiment tal-Istat Membru ta' [...] InvestEU, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza[...], u riżorsi **internazzjonali**, nazzjonali u reġjonali oħra, billi jitmexxew miżuri u inizjattivi mfassla speċifikament għall-entitajiet tal-ekonomija soċjali;
- (k) jużaw is-servizzi ta' konsulenza fi-compass dwar l-istrumenti finanzjarji b'ġestjoni kondiviża tal-Unjoni biex jiġu żviluppatti strumenti ta' finanzjament ripagabbli fil-qafas tal-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni.

L-aċċess għas-swieg u għall-akkwist pubbliku

14. L-Istati Membri huma rakkomandati li jinkoraġġixxu l-awtoritajiet kontraenti tagħhom biex jixtru oġġetti u servizzi b'mod strateġiku, [...] biex **jappoġġaw l-oġġetti [...] soċjali u [...] l-innovazzjoni soċjali, kif ukoll biex isegwu l-impatt ambjentali.** Għal dak l-għan, **huma mħeġġa** jagħmlu użu sħiħ mill-għodod disponibbli fil-qafas tar-regoli tal-Unjoni dwar l-akkwist pubbliku, **fosthom dawk għall-organizzazzjoni ta' ċerti servizzi, magħrufa bħala servizzi lill-persuna, permezz ta' reġim speċifiku, ispirat mill-prinċipju tas-solidarjetà.** It-trawwim tal-użu ta' soluzzjonijiet soċjalment responsabbli u innovattivi fl-akkwist pubbliku jista' jinvolvi tipi differenti ta' għodod ta' politika, fosthom:
- (a) l-adozzjoni ta' gwida politika u strateġiji ta' akkwist, inkluż miri uffiċjali possibbli, appoġġati mit-tmexxija u b'impenn mil-livell politiku permezz ta' deċiżuri ewlenin u ta' manijers tal-baġit;
 - (b) l-għoti ta' gwida fil-livell(i) amministrattiv(i) xieraq/xierqa;
 - (c) is-sensibilizzazzjoni dwar il-valur miżjud tal-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli fost l-awtoritajiet kontraenti u l-intrapriżi u t-tqegħid ta' għarfien espert disponibbli għall-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet tal-ekonomija soċjali;
 - (d) l-inkoraġġiment lill-awtoritajiet kontraenti biex jirreferu fid-dokumenti tal-offerti għal obbligi speċifiċi skont il-liġi soċjali u tax-xogħol u ftehimiet kollettivi, **kif ukoll kriterji soċjali u ambjentali,** li japplikaw għall-akkwist³⁸, jitolbu lill-offerenti jikkonfermaw il-konformità, u jistabbilixxu miżuri ta' monitoraġġ;
 - (e) l-inkoraġġiment ta' dialogu strutturat, trasparenti u mhux diskriminatorju mal-ekonomija soċjali u ma' partijiet ikkonċernati oħra biex titfassal strateġija tal-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli.

³⁸. L-Artikolu 30(3) tad-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 094, 28.3.2014, p. 1), l-Artikolu 18(2) tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 094, 28.3.2014, p. 65) u l-Artikolu 36(2) tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 094, 28.3.2014, p. 243).

15. Fis-sustanza, l-awtoritajiet kontraenti jenħtieġ li jagħmlu użu aħjar mid-dispożizzjonijiet flessibbli skont il-qafas legali eżistenti tal-Unjoni biex jgħinu lill-entitajiet tal-ekonomija soċjali jaċċessaw is-suq billi, pereżempju:
- (a) irawmu d-djalogu mas-suq, b'mod partikolari billi jsiru konsultazzjonijiet preliminari tas-suq trasparenti u inklużivi ma' firxa mmirata ta' fornituri potenzjali;
 - (b) jirriżervaw kuntratti għall-intrapriżi soċjali għall-integrazzjoni fix-xogħol jew għall-operaturi li **fost il-forza tax-xogħol tagħhom** jimpjegaw mill-inqas 30 % **persuni** b'diżabbiltà jew ħaddiema żvantaġġati f'konformità mal-Artikolu 24 tad-Direttiva 2014/23/UE, mal-Artikoli 20 u 77 tad-Direttiva 2014/24/UE u mal-Artikoli 38 u 94 tad-Direttiva 2014/25/UE;
 - (c) jistabbilixxu kriterji tal-għażla proporzjonati u inklużivi li jippermettu lin-negozji soċjali żgħar u innovattivi jagħmlu offerti għal kuntratti;
 - (d) jitbiegħdu mil-loġika tal-aktar prezz baxx billi jintużaw kriterji għall-għoti soċjali f'konformità mar-regola tal-"aktar offerta ekonomikament vantaġġuża" u l-klawżoli tal-kuntratt soċjali, u jistabbilixxu rekwiżiti ta' eżekuzzjoni jew funzjonali fi stadji differenti tal-proċeduri tal-akkwist, inkluż fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi;
 - (e) jaqsmu l-kuntratti flottijiet, f'konformità mal-Artikolu 46 tad-Direttiva 2014/24/UE u mal-Artikolu 65 tad-Direttiva 2014/25/UE, ukoll bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni bejn in-negozji tradizzjonali u l-entitajiet tal-ekonomija soċjali, u l-użu ta' reġimi simplifikati, b'mod partikolari għal servizzi soċjali u servizzi speċifiċi oħra biex il-proċess isir aktar aċċessibbli għall-entitajiet tal-ekonomija soċjali;
 - (f) jitolbu tikketti speċifiċi fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, il-kriterji għall-għoti jew il-kundizzjonijiet għat-twettiq tal-kuntratt, meta jkollhom l-intenzjoni li jixtru xogħlijiet, provvisti jew servizzi b'karatteristiċi soċjali jew ambjentali speċifiċi, f'konformità mal-Artikolu 43 tad-Direttiva 2014/24/UE u mal-Artikolu 61 tad-Direttiva 2014/25/UE.

16. Sabiex jgħinu lill-entitajiet tal-ekonomija soċjali jespandu l-firxa tagħhom, l-Istati Membri huma rakkomandati jrawmu l-kooperazzjoni bejn l-entitajiet tal-ekonomija soċjali u n-negozji tradizzjonali, b'mod partikolari billi:
- (a) iqajmu kuxjenza dwar il-valur miżjud soċjali billi jippromwovu l-aħjar prattiki li jħeġġu lin-negozji tradizzjonali jinvolvu lill-intrapriżi soċjali fil-ktajjen tal-provvista u tal-valur fit-tul tagħhom u lill-konsumaturi jixtru oġġetti u/jew servizzi prodotti minn entitajiet tal-ekonomija soċjali, magħrufa wkoll bħala l-moviment ta' "xiri soċjali";
 - (b) iżidu l-provvista ta' servizzi ta' mentoraġġ, ta' pariġġar, u ta' faċilitazzjoni biex jgħinu lill-entitajiet tal-ekonomija soċjali jiżviluppaw sħubijiet fit-tul mal-komunità kummerċjali usa';
 - (c) jippromwovu u jappoġġaw l-impjegati tal-intrapriżi soċjali għall-integrazzjoni fix-xogħol mal-ħidma man-negozji tradizzjonali biex jiksbu esperjenza fis-suq tax-xogħol miftuħ;
 - (d) jgħinu lill-entitajiet tal-ekonomija soċjali u lill-imprendituri jagħmlu l-aħjar użu minn teknoloġiji ġodda biex jaċċessaw is-swieq privati permezz ta' pjattaformi online xprunati mill-ekonomija soċjali, spazji kollaborattivi u l-komuni diġitali.

L-għajnuna mill-Istat

17. Kull meta miżura ta' appoġġ maħsuba għall-ekonomija soċjali tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat u mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli, l-Istati Membri huma rakkomandati li jagħmlu użu sħiħ mill-kamp ta' applikazzjoni skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat biex jappoġġaw l-ekonomija soċjali, kif previst mir-Regolament (UE) Nru 651/2014, ir-regoli dwar is-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, u r-regola *de minimis* permezz ta':

(a) l-użu tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 651/2014, b'mod partikolari:

i. il-kunsiderazzjoni ta' għajnuna għall-investiment lil intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), pereżempju għax-xiri ta' assi fl-infrastruttura soċjali f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 651/2014 **u l-inkoraġġiment tal-użu tal-għajnuna fl-investiment reġjonali f'oqsma assistiti f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament;**

ii. billi jsir l-aħjar użu mid-dispożizzjonijiet li jippermettu l-għajnuna għall-finanzjament tar-riskju lill-SMEs f'konformità mal-Artikoli 21 u 21a tar-Regolament (UE) Nru 651/2014 pereżempju billi jiġu stabbiliti fondi ta' investiment bil-parteċipazzjoni ta' investituri privati biex jappoġġaw speċifikament lill-intrapriżi soċjali, **inkluż billi jiġu esplorati** inċentivi tat-taxxa lil investituri privati indipendenti li huma persuni fiżiċi li jipprovdu finanzjament ta' riskju direttament jew indirettament lill-intrapriżi eliġibbli;

iii. il-kunsiderazzjoni ta' għajnuna tal-bidu li tippermetti lill-intrapriżi żgħar mhux elenkati jirċievu varjetà ta' strumenti ta' għajnuna bħal self b'imgħax baxx, garanziji bi primjums baxxi, jew għotjiet f'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 651/2014;

iv. isir investiment fin-nies billi jiġu adottati skemi ta' għajjnuna għar-riintegrazzjoni **fis-suq tax-xogħol ta' ħaddiema żvantaġġati jew żvantaġġati severament f'konformità mal-Artikoli 32 u 35 tar-Regolament (UE) Nru 651/2014;**

v. l-iffaċilitar tal-inklużjoni sħiħa tal-ħaddiema b'diżabbiltà fit-tipi kollha ta' negozji bl-appoġġ ta' sussidji speċifiċi, inkluż sussidji fuq il-pagi, lil intrapriżi f'konformità mal-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (UE) Nru 651/2014;

vi. l-appoġġ għall-bini jew għat-titjib tal-infrastruttura lokali, li tista' tinkludi l-infrastruttura soċjali lokali, billi tingħata għajjnuna biex tkopri d-differenza bejn il-kostijiet tal-investiment u l-profitt operatorju tal-investiment f'konformità mal-Artikolu 56 tar-Regolament (UE) Nru 651/2014.

vii. il-kunsiderazzjoni ta' għajjnuna għall-innovazzjoni tal-proċess u l-organizzazzjoni għat-tipi kollha ta' negozji, inkluż l-entitajiet tal-ekonomija soċjali u n-negozji ġodda, biex tiġi żviluppata t-teknoloġija; kif ukoll għajjnuna lil impriżi innovattivi akbar biex jikkollaboraw ma' entitajiet tal-ekonomija soċjali, jekk ikunu SMEs, f'konformità mal-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) Nru 651/2014;

- (b) F'konformità mar-regoli applikabbli dwar l-għajjnuna mill-Istat, l-Istati Membri huma rakkomandati li jesploraw liema servizzi pprovduti minn entitajiet tal-ekonomija soċjali jistgħu jiġu definiti u ffinanzjati bħala servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, pereżempju fil-qasam tal-integrazzjoni fix-xogħol ta' persuni vulnerabbli, fl-akkomodazzjoni soċjali jew fis-servizzi tas-saħħa u soċjali bħall-indukrar tat-tfal, il-kura għall-anzjani jew għall-**persuni** b'diżabbiltà; il-kumpens għal servizzi li jissodisfaw il-ħtiġijiet soċjali jista' wkoll, taħt ċerti kundizzjonijiet, jiġi eżentat mill-obbligu ta' notifika, irrispettivament mill-ammont tal-kumpens riċevut, skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20.12.2011 (2012/21/UE)³⁹;
- (c) l-użu tal-kamp ta' applikazzjoni disponibbli biex jingħataw ammonti trasparenti ta' għajjnuna *de minimis*, **filwaqt li jitqies li l-entitajiet li huma fdati b'servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali għandhom livell limitu ogħla.**

³⁹. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2011 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajjnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens għas-servizzi pubbliċi mogħti lil ċerti impriżi fdati bl-operat ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (ĠU L 7, 11.1.2012, p. 3–10).

It-tassazzjoni

18. Mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, l-Istati Membri huma rakkomandati li:
- (a) jiżguraw li s-sistemi tat-tassazzjoni ma jfixklux l-iżvilupp tal-ekonomija soċjali u jivvalutaw jekk is-sistemi tat-taxxa jippromwovux biżżejjed l-iżvilupp tagħha;
 - (b) jikkunsidraw inċentivi tat-taxxa għas-settur, jekk mhux diġà jingħataw, f'konformità mal-oġettivi tal-politika soċjali tagħhom u l-prattiki attwali madwar l-Istati Membri u f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, li jistgħu jinkludu:
 - i. eżenzjonijiet mit-taxxa korporattiva fuq il-profitti miżmuma minn entitajiet tal-ekonomija soċjali;
 - ii. inċentivi tat-taxxa fuq l-introjtu fil-forma ta' tnaqqis jew krediti tat-taxxa mogħtija lil donaturi privati u/jew istituzzjonali jew skema ta' deżinjazzjoni li skontha l-kontribwenti jistgħu jindikaw lill-awtorità tat-taxxa tagħhom il-perċentwal stabbilit tal-obbligazzjoni tat-taxxa fuq l-introjtu tagħhom li għandu jiġi allokati lil entitajiet b'benefiċċju pubbliku;
 - iii. eżenzjonijiet mit-taxxa fuq il-benefiċċji tal-qgħad riċevuti bħala ħlas ta' somma f'daqqa biex jiġu ffaċilitati t-trasferimenti tan-negożju lill-kooperattivi tal-ħaddiema.
 - (c) jirrieżaminaw il-piż tal-konformità tat-taxxa għall-entitajiet tal-ekonomija soċjali u, fejn possibbli, inaqqas;
 - (d) jiffaċilitaw il-konformità fuq livell prattiku għal donazzjonijiet transfruntiera ta' benefiċċju pubbliku għal finijiet ta' tassazzjoni, pereżempju billi joħorġu formola standardizzata tal-entità riċeventi stabbilita fi Stat Membru ieħor għall-ammont tad-donazzjoni, li tidentifika kemm lir-riċevitur kif ukoll lid-donatur;
 - (e) jiżguraw li l-entitajiet tal-ekonomija soċjali ma jintużawx għal finijiet ta' evażjoni tat-taxxa, evitar tat-taxxa, ippjanar aggressiv tat-taxxa jew ħasil tal-flus, filwaqt li jiżguraw li l-proċeduri amministrattivi relatati jkunu effettivi u proporzjonati.

Il-kejl u l-ġestjoni tal-impatt soċjali

19. F'konformità mal-azzjonijiet tal-Kummissjoni msemmija fil-punt 22(a)v, l-Istati Membri, **f'kooperazzjoni mal-entitajiet tal-ekonomija soċjali u mal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi**, huma rakkomandati li jappoġġaw l-adozzjoni ta' prattiki ta' kejl tal-impatt u ta' ġestjoni tal-impatt, b'mod partikolari billi:
- (a) jinkorporaw prattiki u metodoloġiji tal-kejl tal-impatt soċjali fl-oqfsa u l-programmi ta' politika nazzjonali marbuta mal-ekonomija soċjali;
 - (b) jipprovdu appoġġ imfassal apposta abbażi ta' prattiki tajbin biex jgħin lill-entitajiet tal-ekonomija soċjali jadottaw metodoloġiji sempliċi u prattiċi għall-kejl u l-ġestjoni tal-impatt li jtejbju r-riżultati tagħhom, juru l-impatt soċjali tagħhom, u jiffaċilitaw l-aċċess għal finanzjament xprunat mill-impatt;
 - (c) iħeġġu lill-entitajiet tal-ekonomija soċjali jkejlu l-impatt tagħhom billi jibnu l-kapaċità permezz ta' finanzjament **kosteffiċjenti** ddedikat, u jużaw parti mill-fondi pubbliċi li jirċievu (għotjiet jew kuntratti) biex ikejlu l-impatt soċjali tagħhom.

Il-viżibbiltà u r-rikonoxximent

20. L-Istati Membri huma rakkomandati li jżidu l-għarfien dwar l-ekonomija soċjali u kif din tikkontribwixxi għall-kisba tal-għanijiet soċjali u ambjentali, b'mod partikolari billi:
- (a) **jikkunsidraw** li jistabilixxu jew jadattaw forum legali, statuses legali, tikketti u/jew skemi ta' ċertifikazzjoni speċifiċi għall-ekonomija soċjali, abbażi ta' valutazzjonijiet tal-valur miżjud potenzjali tagħhom, u l-kunsiderazzjoni ta' rikonnoxximent reċiproku volontarju potenzjali ta' tikketti u ċertifikazzjonijiet użati fi Stati Membri oħra. Jenħtieġ li tali valutazzjonijiet iħarsu lejn il-punt sa fejn jistgħu jtejbju l-fehim tas-settur u jappoġġaw l-iżvilupp tiegħu billi jipprovdu aċċess għal vantaġġi speċifiċi (bħal inċentivi tat-taxxa jew flessibbiltà fi proċeduri speċifiċi ta' offerti/akkwist). Il-Kummissjoni ser tappoġġa din il-ħidma kif deskritt fil-punt 22(a)vi;

- (b) **jappoġġaw** [...] kampanji ta' komunikazzjoni u avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni dwar l-ekonomija soċjali, inkluż għal ġenerazzjonijiet iżgħar, f'kooperazzjoni mal-livelli rilevanti ta' gvern u istituzzjonijiet oħra (eż. universitajiet);
- (c) ixerrdu b'suċċess inizjattivi pilota u prattiki tajbin immexxija minn entitajiet tal-ekonomija soċjali, jippromwovu azzjoni għar-replikazzjoni u l-espansjoni ta' din il-prattika tajba permezz ta' networks tal-ekonomija soċjali u permezz tal-komunikazzjoni pubblika.
21. L-Istati Membri huma rakkomandati jimmonitorjaw l-iżvilupp u l-prestazzjoni tal-ekonomija soċjali billi jstimulaw ir-riċerka u jiġbru statistika u data kwantitattiva u kwalitattiva **b'mod kosteffiċjenti**, b'mod partikolari billi:
- (a) jagħmlu l-aħjar użu mill-appoġġ disponibbli mill-Kummissjoni Ewropea biex jespandu s-sistemi nazzjonali tagħhom tal-kontabbiltà biex jiġbru data supplimentari u komparabbli (kontijiet satellita) u jwettqu sħarriġiet essenzjali tal-unitajiet domestiċi (bħall-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol u l-istħarriġiet li jikkontribwixxi għall-UE-SILC) biex tinġabar informazzjoni dwar il-parteċipazzjoni fl-ekonomija soċjali, inkluż data diżaggregata abbażi tas-sess u l-età (u fejn fattibbli diżaggregazzjonijiet oħrajn) biex jinftiehem l-impatt fuq il-ħolqien tal-impjiegi;
- (b) iħeġġu l-kooperazzjoni fuq l-iżvilupp ta' statistika fost l-awtoritajiet pubbliċi, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u l-ekonomija soċjali, filwaqt li tiġi estiża l-firxa ta' sorsi ta' informazzjoni bħar-reġistri, id-data amministrattiva, l-istħarriġ u ċ-ċensiment biex tinġabar data akkurata;
- (c) jappoġġaw riċerka akkademika u indipendenti dwar suġġetti tal-ekonomija soċjali.

APPOĠĠ TAL-UNJONI

22. Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni billi taħdem flimkien mal-Istati Membri biex tiżviluppa politiki abilitanti u oqfsa regolatorji għall-ekonomija soċjali. B'mod partikolari, dan jinkludi:
- (a) it-twettiq tal-inizjattivi mħabbra fil-pjan ta' azzjoni għall-ekonomija soċjali, li jinkludu:
 - i. it-tnedija u l-manutenzjoni tal-Gateway tal-Ekonomija Soċjali tal-UE, punt ta' dħul ċar għall-partijiet ikkonċernati tal-ekonomija soċjali biex isibu informazzjoni dwar il-finanzjament, il-politiki, in-networks/il-pjattaformi u l-inizjattivi tal-Unjoni, inkluż il-bini tal-kapaċità;
 - ii. il-pubblikazzjoni ta' analiżi dwar l-oqfsa ta' tassazzjoni eżistenti għall-ekonomija soċjali **fl-Istati Membri** u dwar it-trattament tat-taxxa ta' donazzjonijiet transfruntiera ta' benefiċċju pubbliku u dwar il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni;
 - iii. l-iffaċilitar tal-opportunitajiet ta' taġħlim bejn il-pari għall-uffiċjali pubbliċi dwar suġġetti relatati mal-ekonomija soċjali billi jiġu organizzati webinars u workshops. Dawk l-avvenimenti jistgħu jkunu bbażati fuq eżerċizzji ta' mmappjar u l-ġbir u l-iskambju ta' prattika tajba f'firxa ta' oqsma ta' politika rilevanti għas-settur, li jippermettu lill-parteċipanti jaqsmu l-għarfien u jidentifikaw strateġiji ta' suċċess. Dawk l-avvenimenti jistgħu jservu wkoll bħala opportunità għal skambji regolari tal-aħjar prattiki u taġħlim bejn il-pari bejn il-koordinaturi tal-ekonomija soċjali mill-Istati Membri;

iv. il-ġbir ta' evidenza kwalitattiva u kwantitattiva **b'mod immirat** dwar l-operat tal-ekonomija soċjali **u dwar l-istruttura tas-settur tal-ekonomija soċjali** fl-Istati Membri, inkluż billi tiġi appoġġata r-riċerka fil-qafas tal-programm ta' ħidma Orizzont Ewropa għall-2023-2024⁴⁰;

v. l-appoġġ għall-iżvilupp tal-kejl u l-ġestjoni tal-impatt soċjali billi jiġu mmappjati u rieżaminati l-prattiki eżistenti, inkluż kif jissodisfaw il-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet tal-entitajiet tal-ekonomija soċjali, biex itejbu l-fehim u jiffaċilitaw l-użu tagħhom⁴¹. Din il-ħidma ser titwettagħ f'konsultazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati u ser ikollha l-għan li tiżviluppa metodoloġiji standard sempliċi għall-entitajiet tal-ekonomija soċjali biex jivvalutaw u juru l-impatt soċjali tagħhom;

vi. it-tnedija ta' studju dwar it-tikketti u l-iskemi ta' ċertifikazzjoni tal-ekonomija soċjali nazzjonali li jimmappja l-inizjattivi attwali, l-identifikazzjoni ta' Prattiki tajbin, karatteristiċi u kriterji komuni, u l-għoti ta' approċċ u gwida komuni lill-Istati Membri, bil-ħsieb ta' rikonoxximent reċiproku volontarju;

vii. l-għoti ta' appoġġ tekniku lill-Istati Membri għar-riformi li għandhom l-għan li jagħtu spinta lill-ekonomija soċjali kemm fuq bażi bilaterali kif ukoll fuq bażi ta' diversi pajjiżi;

viii. it-tisħiħ tal-kooperazzjoni tranżnazzjonali fl-innovazzjoni soċjali permezz taċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza għall-Innovazzjoni Soċjali, il-Kompetizzjoni Ewropea għall-Innovazzjoni Soċjali u n-network futur ta' intraprendituri u innovaturi soċjali appoġġat fil-qafas tal-programm tas-suq uniku;

⁴⁰. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma għall-2023-2024 fil-qafas tal-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u dwar il-finanzjament tiegħu, C/2022/7550.

⁴¹. Il-Kummissjoni, flimkien mal-OECD, għandha tippubblica rapport li jidentifika u jesplora approċċi mfassla apposta li diġà huma verifikati mill-entitajiet tal-ekonomija soċjali fl-Ewropa, u jeżamina l-għan, il-kamp ta' applikazzjoni u l-karatteristiċi ewlenin tagħhom, filwaqt li juri Prattiki tajbin.

ix. l-appoġġ għall-koimplimentazzjoni tal-Perkors ta' Tranżizzjoni tal-ekosistema industrijali tal-"Ekonomija Soċjali u tal-Prossimità"⁴² billi jinġabru wegħdiet mill-partijiet ikkonċernati u tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati tal-ekosistema dwar it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali;

x. jitkompla t-titjib tal-aċċess għall-finanzjament għall-intrapriżi soċjali u għal entitajiet oħra tal-ekonomija soċjali, pereżempju permezz tal-prodotti finanzjarji fil-qafas tal-programm InvestEU;

xi. l-użu ta' prattiki ta' akkwist soċjalment responsabbli fil-proċeduri ta' sejħiet għall-offerti tal-Kummissjoni;

xii. jittieħed kont tal-implimentazzjoni tal-pjan.

(b) tiġi mmonitorjata u vvalutata l-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni;

(c) abbażi tar-rapporti tal-Istati Membri msemmija fil-punt 26, jitħejja rapport dwar l-evalwazzjoni tal-azzjonijiet meħuda b'reazzjoni għal din ir-Rakkomandazzjoni, **ukoll b'kooperazzjoni mill-qrib mal-gruppi ta' esperti rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-ekonomija soċjali u l-intrapriżi soċjali**, li għandu jiġi ppreżentat lill-Kumitat tal-Impjiegi u lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali għad-diskussjoni,.

⁴². Ir-rapport "[Transition pathway for Proximity and Social Economy](#)".

IMPLIMENTAZZJONI, MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

23. L-Istati Membri huma rakkomandati jadottaw jew jaġġornaw l-istrategġiji tal-ekonomija soċjali tagħhom, **jew jintegraw l-ekonomija soċjali fi strategġiji rilevanti jew inizjattivi ta' politika oħra**, fi żmien **24** xahar mill-adozzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni.
24. Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni b'suċċess ta' din ir-Rakkomandazzjoni, l-Istati Membri huma rakkomandati li jirrieżaminaw u jtejbu l-istrutturi amministrattivi u istituzzjonali tagħhom fil-livelli kollha ta' governanza, pereżempju billi **jikkunsidraw**:
- (a) il-ħolqien ta' "punt uniku ta' servizz" biex jiġi pprovdut appoġġ simplifikat u konvenjenti lill-entitajiet tal-ekonomija soċjali f'oqsma bħall-aċċess għall-finanzi u appoġġ ieħor;
 - (b) l-istabiliment ta' punti ta' kuntatt tal-ekonomija soċjali **nazzjonali**, lokali u/jew reġjonali li jaqdu r-rwol ta' ambaxxaturi tal-ekonomija soċjali u li jippromwovu s-settur, jipprovdu appoġġ bejn il-pari, jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament tal-Unjoni u dak nazzjonali, u jikkomunikaw mal-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali li jiġġestixxu l-fondi tal-Unjoni;
 - (c) il-ħatra ta' koordinaturi tal-ekonomija soċjali fl-istituzzjonijiet pubbliċi nazzjonali. Jenħtieġ li dawn il-koordinaturi jkollhom mandat u responsabbiltajiet ċari u riżorsi suffiċjenti biex jippermettu l-koordinazzjoni u l-monitoraġġ effettivi tar-Rakkomandazzjoni u biex jiżguraw il-konsistenza fit-tfassil tal-politika fost id-dipartimenti tal-gvern u mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

25. L-Istati Membri huma rakkomandati li jimmonitorjaw u jevalwaw fil-livell nazzjonali l-implimentazzjoni tagħhom ta' din ir-Rakkomandazzjoni, inkluż permezz ta' djalogu regolari mal-awtoritajiet reġjonali u lokali u mal-entitajiet tal-ekonomija soċjali **jew mal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi** biex jinformat, jagħtu pariri u jakkumpanjaw l-evalwazzjoni, il-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-ekonomija soċjali tagħhom **jew inizzjattivi ta' politika rilevanti oħrajn relatati mal-ekonomija soċjali.**
26. L-Istati Membri huma rakkomandati jirrappurtaw lill-Kummissjoni dwar il-progress tagħhom fl-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni mhux aktar tard minn erba' snin wara l-adozzjoni tagħha u kull ħames snin wara dan. **Jenħtieġ li r-rappurtar jagħmel l-aħjar użu mill-għodod eżistenti ta' rappurtar u ta' monitoraġġ.**

Magħmul fi Strasburgu,

*Għall-Kunsill
Il-President*
